MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Numru. 307/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Brian Tabone

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Brian Tabone, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 75372(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat :
(a) talli fis-26 ta' Frar, 2003 u f'dati precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied

jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
(b) Aktar talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn atti, kitba jew skritturi foloz;
(c) Aktar talli fl-istess cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
(d) Aktar talli fl-istess cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
(e) Aktar talli fl-istess cirkustanzi, fetah jew zamm xi post kummercjali minghajr licenzja mill-awtorita regolatorja;
(f) Aktar talli fl-istess cirkustanzi, ghamel xi haga minghajr licenzja ta' l-awtorita kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti Ii gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2004;

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 183, 184, 188, 189, 338 (gg), 17, 21, 31 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 13, 29 u 31 tal-Kap. 441.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, il-fatt illi irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u b'hekk evita telf ta' hin lill-

Qorti, kif ukoll id-dikjarazzjoni illi ghamel l-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi ma kienx qieghed jinsisti illi l-licenzja tal-imputat tigi kancellata jew sospiza peress illi l-imputat ghadu jibda fin-negozju u ghandu fedina penali netta. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi irrizulta illi l-imputat applika ghall-licenzja illi ghandha tinghatalu dalwaqt. Ghaldaqstant, wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha fuq imsemmija, ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqba t-triq it-tajba u ghaldaqstant filwaqt illi tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti finalment taghmilha cara illi mhijiex qeghda tikkancella jew tissospendi l-ebda licenzja li tista tinghata lill-hati.

Finalment il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------